

Brussell, 9 ta' Lulju 2025
(OR. en)

11407/25

IPCR 51
AG 106
CIVCOM 208
CSDP/PSDC 486
CYBER 210
HYBRID 92
JAI 1051
MI 517
POLMIL 202
PROCIV 95
RELEX 969
COMPET 709
INDEF 74
SAN 443

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	9 ta' Lulju 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Strateġija għall-Kumulazzjoni tar-Riżervi tal-UE: Nagħtu spinta lill-preparatezza materjali tal-UE għall-kriżijiet

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 528 final.

Mehmuż: COM(2025) 528 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.7.2025
COM(2025) 528 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Strateġija għall-Kumulazzjoni tar-Riżervi tal-UE: Nagħtu spinta lill-preparatezza
materjali tal-UE għall-kriżijiet**

INTRODUZZJONI

Għal deċennji, l-Unjoni Ewropea gawdiet minn provvista suffiċjenti ta' oġġetti essenzjali. Iżda l-iskala bla preċedent tal-kriżijiet reċenti wriet li dan ma jistax jibqa' jitqies bħala stat ta' fatt. Il-pandemija tal-COVID-19 żvelat il-vulnerabbiltajiet tal-ktajjen ta' provvista tal-UE għall-prodotti mediċi, l-enerġija, il-prodotti agroalimentari u l-materja prima kritika. Il-gwerra illegali ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna enfasizzat l-importanza strateġika ta' aċċess affidabbli għall-enerġija affidabbli, it-teknoloġiji u l-infrastruttura kritika, u kellha effetti fuq il-provvisti agrikoli madwar id-dinja.

Illum, l-UE qed tiffaċċja xenarju tar-riskju dejjem aktar kumpless u li qed jiddeterjora, immarkat minn tensjonijiet ġeopolitiċi li qed jiżdiedu, inkluż il-kunflitt, l-impatti li qed jiżdiedu tat-tibdil fil-klima, id-degradazzjoni ambjentali, u t-theddid ibridu u ċibernetiku, xprunat minn żieda fl-attività minn hacktivists, ċiberkriminali u gruppi sponsorjati mill-Istat. Barra minn hekk, l-isfidi ġeopolitiċi spiss huma minsuġin ma' xulxin u għandhom impatt fuq ir-relazzjonijiet tal-UE ma' partijiet differenti tad-dinja, inkluż fir-rigward tal-ktajjen ta' provvista. L-impatti potenzjali tar-riskji qed jiżdiedu b'mod kostanti, b'konsegwenzi indiretti u effetti li jikkaskadu maż-żmien. Dan fl-aħħar mill-aħħar jissarraf f'theddida ġenerali akbar għas-sigurtà u d-disponibbiltà tal-provvisti essenzjali.

Skont ir-rakkomandazzjonijiet fir-rapport ta' Niinistö, **l-Istrateġija għal Unjoni tal-Preparatezza** ⁽¹⁾ ħabbret Strateġija għall-Kumulazzjoni tar-Riżervi tal-UE kollha kemm hi li se (1) tintegra l-isforzi settorjali eżistenti kollha ta' kumulazzjoni ta' riżervi, (2) issaħħaħ l-aċċess għal riżorsi kritiċi madwar l-UE u (3) tikkombina r-riżervi ċentralizzati fil-livell tal-UE mal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri, bl-appoġġ ta' sħubijiet pubbliċi-privati biex jiġu żgurati l-effiċjenza, l-iskalabbiltà u l-kosteffettività.

Din l-Istrateġija għall-Kumulazzjoni tar-Riżervi tal-UE tadotta **approċċ komprensiv għall-kumulazzjoni ta' riżervi u tindirizza ċ-ċiklu kollu tagħha**, mill-antiċipazzjoni għall-monitoraġġ tal-ktajjen ta' provvista, il-miżuri għat-tisħiħ tas-sigurtà tal-provvista, il-ġestjoni tal-kumulazzjoni ta' riżervi, u l-użu. Dan japplika għal **oġġetti essenzjali** ⁽²⁾, li għal dawn il-finijiet huma mifhuma bħala kwalunkwe oġġett fiżiku meħtieġ biex jinżammu funzjonijiet vitali tas-soċjetà ⁽³⁾. L-Istrateġija għall-Kumulazzjoni tar-Riżervi tal-UE se trawwem riżervi pubbliċi u privati koordinati ta' inputs kritiċi u tiżgura d-disponibbiltà tagħhom fiċ-ċirkostanzi kollha.

L-Istrateġija se tkun iggwidata mill-**prinċipji sottostanti tas-solidarjetà, tat-trasparenza, tar-responsabbiltà u tal-aċċess ekwu għar-riżorsi** madwar l-UE, li huma kruċjali biex tiġi żgurata l-ugwaljanza ta' kulħadd, partikolarment f'ċirkostanzi severi. F'konformità mal-qafas

⁽¹⁾ JOIN (2025) 130 final – Strateġija Ewropea għal Unjoni tal-Preparatezza.

⁽²⁾ Għall-fini ta' din l-istrateġija, "oġġetti" tinkludi materja prima u sekondarja, komoditajiet, riżorsi naturali, prodotti, tagħmir, eċċ. It-terminu jintuża f'sens wiesa' mingħajr preġudizzju għad-definizzjonijiet u t-termini speċifiċi użati f'oqfsa settorjali.

⁽³⁾ Il-funzjonijiet vitali tas-soċjetà huma sistemi u strutturi fundamentali li jippermettu lil soċjetà topera, filwaqt li jissalvagwardjaw lis-soċjetajiet, l-ekonomiji, il-kulturi u l-istituzzjonijiet demokratiċi tagħna fi kwalunkwe ċirkostanza. Dawn il-funzjonijiet jinkludu, l-ewwel u qabel kollox, is-sikurezza tal-popolazzjoni tal-UE, li tinkludi l-protezzjoni minn diżastri naturali, il-kontinwità governattiva u t-teħid tad-deċiżjonijiet, il-proċessi demokratiċi, il-koeżjoni soċjali u l-istabbiltà ekonomika u s-sigurtà interna u esterna. Huma jiffurmaw il-pedament ta' soċjetà stabbli u sigura.

tal-Unjoni tal-Ugwaljanza ⁽⁴⁾, l-implimentazzjoni tal-Istrateġija se tqis il-ħtiġijiet speċifiċi ta' gruppi differenti, inkluż fir-rigward tal-ġeneru, id-diżabilità, l-età u l-isfond razzjali jew etniku.

B'segwitu għall-Istrateġija għal Unjoni tal-Preparatezza, l-Istrateġija għall-Kumulazzjoni tar-Riżervi tirrifletti bidla fil-mentalità minn approċċ manġerjali reattiv tal-kriżijiet settorjali għal **approċċ ta' preparatezza proattiva, aġli u integrata aħjar.**

Għaliex neħtieġu Strateġija għall-Kumulazzjoni tar-Riżervi tal-UE

L-Istati Membri madwar l-UE ilhom jiffaċċjaw sfidi simili għal dawn l-aħħar żminijiet. Hemm lok ta' żblukkar ta' sinerġiji dwar il-preparatezza kollettiva fil-livell tal-UE billi tiġi kondiviża l-esperjenza u ssir ħidma flimkien dwar kif l-aħjar jiġi żgurat l-aċċess f'waqtu għal oġġetti essenzjali għall-awtoritajiet, in-negozji u l-pubbliku b'mod inklużiv. Għalhekk, huwa meħtieġ approċċ madwar l-UE kollha biex jikkomplementa u jappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri.

Il-kumulazzjoni ta' riżervi hija komponent essenzjali tat-tħejjija għall-kriżi tal-UE u parti integrali mid-deterrenza u l-prontezza ġenerali għal xenarji ta' kunflitt. Il-kriżijiet u t-theddid jistgħu ma jillimitawx lilhom infushom għal Stat Membru wieħed, u dan jagħmel tħejjija adegwata fil-livell tal-UE aktar rilevanti. Bħala Suq Uniku wieħed, bi ktajjen ta' valur u ta' provvista integrati ħafna, it-tfixkil fid-disponibbiltà ta' materjali jew ta' teknoloġiji kritiċi jirrikjedi kapaċità ta' rispons fil-livell tal-UE.

F'dawn l-aħħar snin, ġew adottati diversi inizjattivi, strateġiji u liġijiet rilevanti tal-UE ⁽⁵⁾ biex isaħħu l-awtonomija strateġika, is-sigurtà interna u ekonomika, il-kompetittività, id-difiża u r-reżiljenza u biex jindirizzaw il-vulnerabbiltajiet u d-dipendenzi tal-katina ta' provvista. Fost dawn l-inizjattivi hemm miżuri mmirati speċifikament lejn it-titjib tal-aċċess għal oġġetti essenzjali, bħar-reqwiżit li l-Istati Membri jkollhom ħażniet taż-żejt; aggregazzjoni tad-domanda u xiri konġunt għall-gass; miżuri biex tingħata spinta lill-aċċess għall-materja prima kritika u lill-ipproċessar u r-riċiklaġġ tagħha; l-akkwist konġunt ta' vaċċini kontra l-COVID-19; jew il-bini tar-riżerva strateġika tal-UE rescEU (ara l-Anness 1 għal ħarsa ġenerali tal-oqfsa legali u ta' politika rilevanti tal-UE).

Madankollu, l-approċċ ġenerali għadu frammentat, u l-esperjenza enfasizzat għadd ta' nuqqasijiet sinifikanti u interrelatati mill-qrib fil-qafas tal-UE.

1. Fehim komuni limitat dwar liema oġġetti essenzjali huma meħtieġa għal tħejjija għall-kriżijiet fl-isfond ta' xenarju tar-riskju li qed jevolvi malajr. Dan ifixkel il-kooperazzjoni fis-setturi u bejn il-fruntieri. Billi jifhmu x'oġġetti huma essenzjali biex jiġu

⁽⁴⁾ L-istrateġiji tal-Unjoni tal-Ugwaljanza jipromwovu aċċess ugwali għas-saħħa għal kulħadd.

⁽⁵⁾ Bħall-Protect EU - l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna, l-Istrateġija ta' Sigurtà Ekonomika, il-White Paper dwar il-Ġejjieni tad-Difiża Ewropea, il-Boxxla għall-Kompetittività tal-UE, l-Istrateġija Ewropea għar-Reżiljenza tal-Ilma, il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari, l-Att dwar l-Emerġenzi u r-Reżiljenza tas-Suq Intern (IMERA Internal Market Emergency and Resilience Act), l-Att dwar il-Materja Prima Kritika, il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (UPCM, Union Civil Protection Mechanism), id-Direttiva dwar il-Ħażniet taż-Żejt (li bħalissa tinsab taħt reviżjoni), ir-Regolament dwar il-Ħażniet tal-Gass tal-UE, l-Att futur dwar il-Mediċini Kritiċi, u l-Istrateġija għall-Kontromiżuri Mediċi.

ffaċċjati kriżijiet potenzjali, kemm il-gvernijiet kif ukoll in-negozji jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati u koordinati dwar kif l-aħjar iħejju għal nuqqasijiet potenzjali.

2. **Kondiviżjoni u koordinazzjoni limitati tal-informazzjoni bejn l-UE u l-Istati Membri, u bejn is-setturi ċivili u militari.** B'riżultat ta' dan, ma hemm l-ebda ħarsa ġenerali xierqa lejn l-isforzi ta' kumulazzjoni ta' riżervi mill-Istati Membri madwar l-UE, li min-naħa tiegħu jirriżulta f'użu subottimali tar-riżorsi, il-kapaċitajiet u l-għarfien espert disponibbli. Barra minn hekk, l-ostakli amministrattivi, strutturali u loġistiċi li jippersistu madwar l-UE jistgħu jfixxlu l-użu, it-trasport u l-aċċess f'xenarji ta' kriżi.
3. **Potenzjal mhux użat biżżejjed għall-kooperazzjoni mas-settur privat fis-setturi u bejn il-fruntieri.** Is-settur privat għandu għarfien espert sinifikanti fil-ġestjoni tar-riżervi, il-loġistika u l-użu tagħhom. Tista' titrawwem aktar kooperazzjoni strutturali pubblika-privata fil-kumulazzjoni ta' riżervi ta' emerġenza, l-aħjar Prattiki kondiviżi, u t-tagħlimiet meħuda fis-setturi u bejn il-fruntieri.
4. **L-oqfsa nazzjonali jew settorjali eżistenti li ma jirriflettux biżżejjed ir-rwol li jista' jkollhom l-għodod ta' azzjoni esterna u ta' kooperazzjoni fit-tisħiħ tat-tħejjija materjali nazzjonali u tal-UE,** pereżempju fis-sigurtà tal-katina ta' provvista. Is-sħubijiet ma' pajjiżi mhux tal-UE u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali jistgħu jikkontribwixxu għat-tisħiħ tar-reżiljenza reċiproka u għall-iżgurar ta' oġġetti essenzjali.

Għall-preparatezza tal-UE, huwa kruċjali li jiġi indirizzat dan **in-nuqqas ta' analiżi komprensiva u kondiviża bejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, fis-setturi u bejn il-fruntieri**, u li jiġu kkoordinati l-isforzi għall-preparatezza u r-rispons malajr u b'mod effettiv. Għalhekk, din l-istrateġija tiegħu perspettiva **transsettorjali u transfruntiera**, fejn l-UE tista' tipprovdi l-aktar valur miżjud.

L-objettiv ġenerali ta' din l-istrateġija huwa li **ttejjeb l-aċċess għal oġġetti essenzjali** fiċ-ċirkostanzi kollha. Se ttejjeb l-**interoperabbiltà** tas-sistemi tal-kumulazzjoni ta' riżervi kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE matul iċ-ċiklu kollu tal-kumulazzjoni ta' riżervi – l-ippjanar, ix-xiri, il-ġestjoni u l-użu tal-istokkijiet. L-istrateġija tiżgura l-**preparatezza materjali**, li tfisser il-prontezza, id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà ta' oġġetti essenzjali bħala parti minn rispons effettiv għall-kriżijiet u għall-kunflitti. Fl-istess ħin, tappoġġa wkoll l-**awtonomija strateġika għall-UE**, billi tnaqqas id-dipendenzi u l-vulnerabbiltajiet u ttejjeb il-produzzjoni tal-UE ta' oġġetti essenzjali.

Bini ta' Strateġija għall-Kumulazzjoni tar-Riżervi tal-UE

Din l-istrateġija tibni fuq oqfsa settorjali eżistenti tal-UE u ssegwi l-prinċipji tal-istrateġija għal Unjoni tal-Preparatezza, stabbiliti hawn taħt.

- **Approċċ li jkopri l-perikli kollha**, li jkopri l-ispettru sħiħ tar-riskji naturali u tar-riskji antropoġeniċi u t-theddid għall-preparatezza materjali. Għandu l-għan li jindirizza b'mod komprensiv riskji u theddid akbar għas-sigurtà tal-provvista, inkluż xenarju ta' kunflitt, u l-interazzjoni tar-riskji, u l-effetti kaskata tagħhom.
- **Approċċ ta' gvern sħiħ**, li jlaqqa' flimkien il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, fil-livelli kollha tal-gvern (lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-UE) u jippromwovi l-kollaborazzjoni, il-koerenza tal-politika u l-kondiviżjoni tar-riżorsi. Huwa jinkludi kooperazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet ċivili u tad-difiża, u l-integrazzjoni koerenti tad-dimensjonijiet interni u esterni.

- **Approċċ min-naħa tas-soċjetà kollha**, li jrawwem kultura inklużiva ta' preparatezza materjali li tinvolvi l-atturi rilevanti kollha għas-sigurtà tal-provvista, speċjalment is-settur privat. Dan ifisser ukoll li ċ-ċittadini jiġu megħjuna biex isiru atturi tar-reżiljenza tagħhom stess, billi jkollhom riżorsi biex jiżguraw awtosuffiċjenza minima ta' 72 siegħa filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom, kif issottolinjat fl-Istrateġija għal Unjoni tal-Preparatezza.

F'konformità mas-sejbiet ta' hawn fuq, din l-istrateġija tidentifika seba' oqsma ewlenin għall-azzjoni tal-UE:

1. it-titjib tal-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri u mal-UE;
2. il-prospettiva, l-antiċipazzjoni u l-ippjanar strateġiku;
3. it-tnaqqis ta' distakki permezz ta' kumulazzjoni tar-riżervi strateġika tal-UE;
4. it-tiħiħ ta' infrastruttura robusta u interoperabbli tat-trasport u l-loġistika;
5. it-titjib tal-kooperazzjoni ċivili-militari;
6. it-trawwim ta' kooperazzjoni pubblika-privata;
7. it-trawwim tal-kooperazzjoni fl-azzjoni esterna u fis-sħubijiet internazzjonali.

L-Istrateġija tiffoka fuq sfidi transsettorjali, filwaqt li tfittex komplementarjetà sħiħa ma' azzjonijiet settorjali speċifiċi ⁽⁶⁾. Din l-Istrateġija se tiġi implimentata f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, filwaqt li jiġu rispettati bis-sħiħ is-sussidjarjetà, il-kompetenzi nazzjonali u l-ispeċifitajiet tal-Istati Membri.

1. TITJIB TAL-KOORDINAZZJONI BEJN L-ISTATI MEMBRI U MAL-UE

Kull Stat Membru huwa responsabbli għall-preparatezza materjali tiegħu stess. Madankollu, fi kriżijiet severi, kumplessi, transfruntiera u fit-tul, huwa kruċjali li jiġu kkoordinati miżuri nazzjonali biex tiġi żgurata provvista kostanti ta' oġġetti essenzjali u l-kontinwazzjoni ta' funzjonijiet vitali tas-soċjetà. Il-koordinazzjoni mhux biss **trawwem is-solidarjetà iżda tipprevjeni wkoll it-tfixkil fis-suq uniku**. Mingħajr koordinazzjoni, l-Istati Membri jistgħu jikkompetu għal oġġetti, kapaċitajiet tal-produzzjoni, kapaċitajiet tal-ħżin u tal-użu, u jistgħu jfixklu swieq li qed jiffunzjonaw tajjeb, li jirriżulta f'duplikazzjoni u kostijiet bla bżonn, u risponsi ineffiċjenti għall-kriżijiet u li jpoġġi aktar pressjoni fuq il-ktajjen ta' provvista diġà fraġli.

Bħala l-ewwel pass, jeħtieġ li jissaħħu **l-fiduċja u l-fehim reċiproċi**, filwaqt li jitqies it-tħassib dwar is-sigurtà nazzjonali. L-UE se tiżviluppa aktar **għodod għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni sikura** ⁽⁷⁾, biex l-Istati Membri, il-Kummissjoni, l-aġenziji rilevanti tal-UE u l-partijiet ikkonċernati, ikunu jistgħu jiġbru flimkien informazzjoni dwar il-ktajjen ta' provvista, l-arranġamenti għall-kumulazzjoni ta' riżervi, u l-pjanijiet tal-użu. Dawn l-għodod iridu jkunu

⁽⁶⁾ Pereżempju, l-Istrateġija l-ġdida għall-Kontromiżuri Mediċi u l-pjan strateġiku tal-UE tagħha għall-kumulazzjoni ta' riżerva ta' kontromiżuri mediċi (COM(2025) 529 final).

⁽⁷⁾ Is-sistemi ta' skambju ta' informazzjoni settorjali eżistenti jinkludu pereżempju, is-Sistema Komunitarja ta' Skambju ta' Informazzjoni Radjoloġika Urġenti (ECURIE, European Community Urgent Radiological Information Exchange System) għal emerġenzi radjoloġiċi u nukleari; is-Sistema ta' Twissija Bikrija u ta' Rispons (EWRS, Early Warning and Response System) għal theddid bijoloġiku, kimiku u transfruntier serju għas-saħħa mhux magħruf (skont ir-Regolament 2022/2372); is-Sistema Komuni ta' Komunikazzjoni u Informazzjoni f'każ ta' Emerġenza (CECIS, Common Emergency Communication and Information System) (skont id-Deċiżjoni 1313/2013/UE dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili).

protetti sew u jikkonformaw mar-rekwiżiti tas-sigurtà tal-UE. Il-kondiviżjoni tal-informazzjoni, inkluż mal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana (NATO, North Atlantic Treaty Organization) meta jkun rilevanti, għandha ttejjeb l-interoperabbiltà u b'hekk ittejjeb l-effiċjenza konġunta tar-rispons għall-kriżijiet.

Barra minn hekk, **it-tisħiħ tas-sinerġiji u tal-interoperabbiltà** tal-oġġetti mażżuna, l-arranġamenti, u l-pjanijiet tal-użu madwar l-UE se jwasslu għal titjib fl-effiċjenza. **Il-koordinazzjoni għandha ttejjeb f'diversi stadji taċ-ċiklu tal-kumulazzjoni ta' riżervi** – l-ippjanar, ix-xiri, il-ġestjoni u l-użu tal-istokkijiet. Dan għandu jnvolvi wkoll kooperazzjoni aħjar fl-identifikazzjoni ta' dipendenzi kritiċi fil-katina ta' provvista, fl-allinjament tal-pjanijiet ta' diversifikazzjoni u l-kooperazzjoni mad-dwana biex jiġi ffaċilitat l-influss ta' oġġetti essenzjali fl-UE jew biex tiġi żgurata l-applikazzjoni ta' restrizzjonijiet possibbli fuq l-esportazzjoni. L-akkwist konġunt u ċentrali ⁽⁸⁾ jista' jottimizza b'mod effettiv l-akkwist tar-riżorsi u l-kooperazzjoni għal oġġetti essenzjali bejn l-Istati Membri u dan għandu jtejjeb aktar. Il-kooperazzjoni dwar postijiet sikuri u strateġiċi għal oġġetti essenzjali madwar l-UE, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet reġjonali, se ttejjeb ir-reżiljenza u l-effiċjenza ġenerali. Jistgħu jiġu kondiviżi l-aħjar Prattiki u tagħlimiet dwar il-ġestjoni tal-istokk, it-traċċar f'ħin reali, il-monitoraġġ tal-kundizzjonijiet, it-twissijiet ta' skadenza, ir-rotazzjoni tal-istokk, il-ħajja fuq l-ixkaffa, u l-ġestjoni tal-iskart.

Eżempji tajbin ta' inizzjattivi settorjali, li jikkoordinaw u **jsaħħu l-approċċi ta' kumulazzjoni ta' riżervi tal-Istati Membri**, jinkludu mekkaniżmi għall-prodotti agroalimentari, inputs agrikoli essenzjali u kontromiżuri mediċi. It-tisħiħ tal-kumulazzjoni ta' riżervi tal-Istati Membri jista' jitqies ukoll għall-fjuwil nukleari bħala parti mill-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali biex jintemmu l-importazzjonijiet tal-enerġija Russa. Fis-settur tal-prodotti agroalimentari, il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Tħejjija u Rispons għall-Kriżijiet tas-Sigurtà tal-Ikel (EFCM, European Food Security Crisis preparedness and response Mechanism) għandu jiġi approfondit u operazzjonalizzat biex jitejbu l-iskambju ta' informazzjoni, it-trasparenza u s-solidarjetà fil-kumulazzjoni ta' riżervi⁽⁹⁾ bejn l-Istati Membri, il-partijiet ikkonċernati, u l-istituzzjonijiet tal-UE, f'koordinazzjoni mal-istrumenti taħt l-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq (CMO, Common Market Organisation). F'konformità mal-Patt għal Industrija Nadifa, il-pjattaforma għall-aggregazzjoni tad-domanda u x-xiri konġunt ta' materja prima hija l-ewwel pass għall-istabbiliment ta' Ċentru tal-UE għall-Materja Prima Kritika li għandu jassisti fix-xiri b'mod konġunt ta' materja prima, jikkoordina riżervi strateġiċi, jissorvelja l-monitoraġġ tal-katina ta' provvista, u jinkoraġġixxi l-investimenti. It-tagħlim u l-koordinazzjoni transsettorjali għandhom jiġu żgurati.

B'segwitu għall-mudell tar-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (UCPM, Union Civil Protection Mechanism), għandhom jiġu esplorati opzjonijiet għal sistema ta' skambju ta' informazzjoni għall-Istati Membri biex jinnotifikaw lill-UE dwar kwalunkwe **oġġett essenzjali disponibbli għal trasferiment volontarju lejn Stat Membru ieħor matul kriżijiet**. Dan jista' jinkludi l-koordinazzjoni tal-kostijiet tat-trasport u tal-użu permezz tal-Kummissjoni fil-UCPM. Fl-aħħar nett, l-

⁽⁸⁾ Eżempji tajbin ta' inizzjattivi ġodda dwar l-aggregazzjoni tad-domanda u x-xiri konġunt jinkludu AggregateEU, il-mekkaniżmi li jmiss dwar l-idroġenu, u ċ-Ċentru tal-UE għall-Materja Prima Kritika. Ix-xiri konġunt ta' kontromiżuri mediċi ilu jsir mill-2014.

⁽⁹⁾ F'konformità mar-rekwiżiti tal-UE tas-sikurezza alimentari u mad-dritt tal-kompetizzjoni.

istabbiliment ta' kriterji komuni għad-diżimpenn ikkoordinat tar-riżervi matul l-emerġenzi huwa essenzjali.

Azzjonijiet ewlenin:

- Il-Kummissjoni se tistabbilixxi **network ta' kumulazzjoni tar-riżervi tal-UE** mal-Istati Membri. In-network se jkun forum għad-diskussjoni u jkollu rwol konsultattiv. Mingħajr ma jiġi antiċipat ir-rwol tal-Kunsill f'din il-kwistjoni, dan in-network għandu jiddiskuti l-aħjar prattiki rigward il-prospettiva, l-antiċipazzjoni, l-ippjanar strateġiku u l-valutazzjonijiet tal-kosteffiċjenza, u jiżviluppa listi dinamiċi, mhux eżawrjenti u aġġornati regolament ta' oġġetti essenzjali mfassla għal xenarji ta' kriżi u reġjuni differenti, filwaqt li jitqiesu l-listi settorjali eżistenti ⁽¹⁰⁾. In-network għandu jifformula rakkomandazzjonijiet dwar kwistjonijiet bħal rekwiżiti ta' volum, sistemi tas-sorveljanza relatati u koordinazzjoni tar-rekwiżiti minimi.
- Il-Kummissjoni - f'dan in-network il-ġdid tal-UE għall-kumulazzjoni ta' riżervi - se ttejjeb **l-interoperabbiltà tal-istokkijiet u tal-arranġamenti għall-kumulazzjoni ta' riżervi, tippromwovi skambji tal-aħjar prattiki** u tikkollabora mal-Istati Membri biex tistabbilixxi **kriterji u proċeduri transsettorjali** madwar l-UE għall-elementi operazzjonali fiċ-ċiklu tal-kumulazzjoni ta' riżervi.
- Filwaqt li tqis is-sistemi settorjali eżistenti, il-Kummissjoni se tesplora l-fattibbiltà li tistabbilixxi **pjattaforma għal skambji ta' data sikura u dettaljata** bejn l-UE u l-Istati Membri dwar riżervi ta' emerġenza, filwaqt li tibni fuq il-kapaċitajiet taċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza.
- Il-Kummissjoni se **tkompli tippromwovi mekkaniżmi ta' akkwist ċentralizzati u/jew konġunt** fis-setturi kollha, filwaqt li tibni fuq mudelli bħall-ftehim ta' akkwist tal-kontromiżuri mediċi, jew l-akkwist ta' oġġetti rilevanti għall-kriżijiet skont l-Att dwar l-Emerġenzi u r-Reżiljenza tas-Suq Intern (IMERA), ir-rescEU jew il-pjattaforma għall-aggregazzjoni tad-domanda u x-xiri konġunt ta' materja prima biex jiġi ottimizzat l-akkwist tar-riżorsi. Barra minn hekk, se tirrevedi l-qafas tal-akkwist pubbliku kif imħabbar fl-Istrateġija għal Unjoni tal-Preparatezza.

2. PROSPETTIVA, ANTIĊIPAZZJONI U PPJANAR STRATEĠIKU

Il-prospettiva u l-antiċipazzjoni, l-identifikazzjoni f'waqtu ta' theddid (u opportunitajiet biex jiġu akkumulati r-riżervi) huma kruċjali għall-ippjanar effettiv tar-rekwiżiti tal-provvista u tal-kumulazzjoni ta' riżervi għal oġġetti essenzjali. Barra minn hekk, huwa meħtieġ ippjanar strateġiku biex jiġu determinati l-aktar miżuri xierqa, rilevanti għaż-żmien u kosteffiċjenti biex jiġi żgurat li l-oġġetti essenzjali jkunu disponibbli u lesti fi kriżi jew f'kunflitt. L-oqfsa legali

⁽¹⁰⁾ Jew jibni fuq u jikkomplementa listi li jistgħu jiġu żviluppati taħt mekkaniżmi rilevanti bħall-Att dwar l-Emerġenzi u r-Reżiljenza tas-Suq Intern.

tal-UE għadhom frammentati f'dan ir-rigward ⁽¹¹⁾ u jvarjaw il-prattiki madwar l-Istati Membri. F'xi oqsma, bħal kejbils sottomarini u s-sigurtà tal-grilja tal-enerġija fuq l-art, l-ispazju, id-difiża, il-prodotti agroalimentari u l-inputs agrikoli essenzjali, il-kura tas-saħħa, u s-sustanzi kimiċi għat-trattament tal-ilma, għandu jiġi indirizzat in-nuqqas ta' arranġamenti fil-livell tal-UE.

Bħala parti mill-Istrateġija għal Unjoni tal-Preparatezza, l-UE se twettaq **valutazzjoni komprensiva tar-riskji u tat-theddid**. Hija se toffri għarfien aktar profund dwar xenarji ta' kriżi u ta' kunflitt u se ttejjeb il-kuxjenza dwar ir-riskji transsettorjali u transfruntiera għal funzjonijiet vitali tas-soċjetà. Dan għandu jappoġġa **l-iskambji dwar il-valutazzjonijiet tar-riskju, l-ippjanar, u l-identifikazzjoni tad-distakki ta' oġġetti essenzjali u opportunitajiet ta' provvista mal-Istati Membri** u fl-aħħar mill-aħħar jiffaċilita fehim komuni tal-ħtiġijiet kritiċi. Eżempji ta' Prattika tajbin attwali f'dan ir-rigward jinkludu l-Bord stabbilit skont l-IMERA u l-Mekkaniżmu Ewropew ta' tħejjija u rispons għall-Kriżijiet tas-Sigurtà tal-Ikel (EFSCM).

Barra minn hekk, fil-livell tal-UE, l-għarfien mill-**valutazzjonijiet eżistenti tar-riskju u tat-theddid** ⁽¹²⁾ u mis-sistemi ta' **monitoraġġ tal-katina ta' provvista** ⁽¹³⁾ għandhom jinġabru flimkien u jiġu aġġornati regolarment, filwaqt li jiġu integrati studji ta' prospettiva dwar

⁽¹¹⁾ Xi oqfsa legali eżistenti jew proposti tal-UE jinkludu miżuri biex tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' prodotti essenzjali speċifiċi bħall-gass u ż-żejt, kontromiżuri mediċi, mediċini kritiċi, materja prima, kapaċitajiet tal-protezzjoni ċivili, semikondutturi, vaċċini tal-annimali, u karti tal-flus tal-euro. Madankollu, dawn il-miżuri spiss ikollhom kamp ta' applikazzjoni limitat. L-IMERA għandu fokus usa' u jista' jidentifika oġġetti rilevanti għall-kriżijiet jekk attivat taħt il-viġilanza jew il-modalità ta' emerġenza tiegħu.

⁽¹²⁾ Valutazzjonijiet tar-riskju perijodiku obligatorji: id-Direttiva (UE) 2022/2557 dwar ir-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi, id-Direttiva (UE) 2020/2184 dwar l-Ilma tax-Xorb; rapporti tax-xenarju tat-theddid: (ENISA) ix-xenarju tat-theddid annwali u l-istat ta' sentejn tar-rapporti dwar iċ-ċibersigurtà; il-valutazzjoni tal-vulnerabbiltajiet tal-katina ta' provvista ta' mediċini kritiċi fil-proposta tal-Kummissjoni li tirrevedi l-leġiżlazzjoni dwar il-farmaċewtika (COM(2023) 193 final); studji mmirati dwar il-vulnerabbiltajiet tal-katina ta' provvista: [Assessment on supply chain vulnerabilities on the first tranche of critical medicines \(Valutazzjoni dwar il-vulnerabbiltajiet tal-katina ta' provvista fl-ewwel segment ta' mediċini kritiċi\)](#), HERA 2024; [Risks and vulnerabilities in the EU food supply chain \(Riskji u vulnerabbiltajiet fil-katina ta' provvista tal-ikel tal-UE\)](#), JRC 2023; pjattaformi għal valutazzjonijiet u analiżi regolari: [EU Observatory of Critical Technologies \(Osservatorju tat-Teknoloġiji Kritiċi tal-UE\)](#); studji ad hoc dwar is-suq tad-domanda u tal-provvista: [EU security market study \(Studju tas-suq tas-sigurtà tal-UE\)](#), 2022; valutazzjonijiet tar-riskju rilevanti oħrajn: [European Climate Risk Assessment \(Valutazzjoni tar-Riskju Klimatiku fl-Ewropa\)](#), l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, 2024; [Risk assessments for critical technology areas \(Valutazzjonijiet tar-riskju tal-oqfsa teknoloġiċi kritiċi\)](#) fil-kuntest tal-Istrateġija għas-Sigurtà Ekonomika.

⁽¹³⁾ Eżempji ta' tali monitoraġġ jinkludu **s-sistema ta' notifika ta' twissija tal-katina ta' provvista (SCAN, supply chain alert notification system)**, għodda ta' monitoraġġ kważi f'ħin reali, użata għal materja prima ewlenija f'teknoloġiji ekoloġiċi u f'ċerti ktajjen tal-provvista tas-semikondutturi; **l-EU food supply and security dashboards (id-dashboards tal-UE għall-provvista u s-sigurtà tal-ikel)**; sommarji dwar l-istokkijiet taż-żejt grezz u/jew tal-prodotti petroliferi skont id-Direttiva tal-UE dwar il-Ħażna taż-Żejt; il-monitoraġġ mill-**Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom** ta' uranju b'arrikkiment baxx u b'assaġġ għoli, u ta' isotopi radjuattivi mediċi; il-**Pjattaforma Ewropea għall-Monitoraġġ tan-Nuqqasijiet** dwar id-disponibbiltà u l-provvista ta' mediċini għall-bniedem u d-domanda għalihom f'ċerti sitwazzjonijiet; is-**sistema ta' Sorveljanza Doganali tal-UE** li timmonitorja l-moviment lejn u barra mill-UE u li tipproteġi kontra l-frodi u l-kummerċ illeċitu ta' oġġetti essenzjali.

żviluppi fit-tul tas-sigurtà tal-provvista⁽¹⁴⁾. Sistemi ta' monitoraġġ awtomatizzati f'ħin reali, possibbilment appoġġati minn intelliġenza artifiċjali meta xieraq, jistgħu jantiċipaw u jittraċċaw b'mod aktar effettiv it-tfixkil fis-suq⁽¹⁵⁾. Koordinazzjoni aħjar tal-istrumenti differenti se **ttejjeb il-kuxjenza transfruntiera u transsettorjali dwar ir-riskji u dwar l-iskarsezza ta' oġġetti essenzjali** u tipprevjeni d-duplikazzjoni tal-isforzi.

Din il-kordinazzjoni mtejjba tinkludi l-kunsiderazzjoni fil-prinċipju tas-**solidarjetà tal-UE fl-arranġamenti tal-ippjanar** – bħall-appoġġ minn Stat Membru għal ieħor, jew mir-riżervi strateġiċi tal-UE – biex jiġu evitati jew jingħelbu n-nuqqasijiet fil-provvista, jew jingħeleb it-tfixkil fil-katina ta' provvista b'kostijiet għoljin u konsegwenzi severi, u biex jiġi ffaċilitat il-moviment potenzjali mir-riżervi minn pajjiż għal ieħor fl-UE.

L-Istati Membri għandhom jiddiskutu l-**ambitu fil-mira** tar-riżervi (abbażi tal-valutazzjonijiet tar-riskju deskritti hawn fuq, biex jiġu determinati l-oqsma ta' prijorità) u l-**livelli minimi xierqa tar-riżervi** taħt ċirkostanzi speċifiċi f'setturi differenti, anki biex tiġi evitata l-ħela tal-istokkjar żejjed. Approċċ komuni għall-istabbiliment ta' volumi ta' oġġetti essenzjali u ta' ħtiġijiet se jwassal għal livelli komparabbli ta' preparezza materjali madwar l-UE, filwaqt li jissaħħu l-prontezza u r-reżiljenza ġenerali, is-solidarjetà u l-kooperazzjoni effettiva, u l-evitar tad-distorsjoni tal-funzjonament normali u s-sostenibbiltà tas-Suq Intern.

Peress li l-kumulazzjoni ta' riżervi hija għalja u tista' toħloq żbilanċi fis-suq, l-Istati Membri u l-UE **għandhom jevalwaw diversi modi kif jiżguraw id-disponibbiltà ta' oġġetti essenzjali** fil-proċess ta' ppjanar tagħhom u jivvalutaw il-metodoloġija rilevanti tal-kumulazzjoni ta' riżervi. Din għandha tinkludi: l-impatt potenzjali ta' riskju fuq funzjoni vitali tas-soċjetà; il-kritikalità tal-ħin ta' rispons; it-trikkib bejn l-ġhodod u r-ridondanza. Barra minn hekk, il-fallimenti tas-suq, id-disponibbiltà tal-kapaċitajiet tal-produzzjoni u tar-riċiklaġġ u d-dipendenzi tal-UE fuq pajjiżi oħra – f'kuntest ta' tensjonijiet ġeopolitiċi li qed jikbru – jeħtieġ li jitqiesu.

Il-kumulazzjoni ta' riżervi jew miżuri oħra ta' preparezza materjali għandhom jitfasslu b'mod li jimminimizza d-distorsjonijiet tas-suq u jevitaw l-effetti avversi tad-dinamika normali tal-provvista u tad-domanda. Hemm għadd ta' modi kif il-ktajjen ta' provvista jsiru aktar aġli u aktar reżiljenti, bħal tagħlim mill-aħjar Prattiki fl-Istati Membri u f'pajjiżi mhux tal-UE, l-investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni, l-ġħoti ta' spinta tal-awtosuffiċjenza tal-UE u tal-Istati Membri tagħha, iż-żieda fl-effiċjenza u fiċ-ċirkolarità tal-materjali f'riskju u t-tiftix għal alternattivi. L-istabbiliment ta' arranġamenti mas-settur privat⁽¹⁶⁾ biex jiġu pprovduti oġġetti essenzjali fi żmien qasir f'emerġenzi għandu jitqies ukoll.

Azzjonijiet ewlenin:

⁽¹⁴⁾ [Supply chain analysis and material demand forecast in strategic technologies and sectors in the EU \(Analiżi tal-katina ta' provvista u tbassir tad-domanda materjali f'teknoloġiji u setturi strateġiċi fl-UE\)](#) – Studju ta' prospettiva, il-Kummissjoni Ewropea, 2023.

⁽¹⁵⁾ Il-proposta għar-**Riforma Doganali tal-UE**, partikolarment il-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE hija rilevanti, u għandha l-għan li ttejjeb il-ġestjoni tar-riskju bil-kondiviżjoni u l-analiżi tad-data f'ħin reali fl-Istati Membri kollha biex tiġi żgurata protezzjoni aħjar kontra l-frodi u l-kummerċ illeċitu, u l-ġbir u l-analiżi ta' informazzjoni rilevanti dwar oġġetti essenzjali.

⁽¹⁶⁾ Ara wkoll il-Kapitolu 6 - Trawwim ta' kooperazzjoni pubblika-privata.

- Il-Kummissjoni se **timmappja mekkaniżmi ta' monitoraġġ tal-katina ta' provvista settorjali** u tinkorpora **valutazzjonijiet tar-riskji tas-sigurtà tal-provvista u tal-vulnerabbiltà tal-katina ta' provvista** fil-valutazzjoni komprensiva prevista tal-UE tar-riskji u tat-theddid (azzjoni ewlenija taħt l-Istrateġija għal Unjoni tal-Preparatezza). Iċ-Ċentru futur tal-UE għall-Koordinazzjoni tal-Kriżijiet għandu jantiċipa u jimmonitorja r-riskji b'rabta ma' kriżijiet transsettorjali.

3. TNAQQIS TAD-DISTAKKI PERMEZZ TA' KUMULAZZJONI TAR-RIŻERVI STRATEĠIKA TAL-UE

Il-pandemija tal-COVID-19 uriet li s-sistemi nazzjonali, anki meta jkunu koordinati tajjeb, jistgħu malajr ma jkunux jistgħu jipprovdu oġġetti essenzjali. Kienet meħtieġa azzjoni addizzjonali fil-livell tal-UE, biex jiġi indirizzat nuqqas mifruq u simultanju fl-Istati Membri kollha, inkluż fir-Reġjuni Ultraperiferiċi. Kriżijiet kumplessi simili li fihom il-pajjiżi kollha jiffaċċjaw l-istess nuqqasijiet fl-istess ħin, x'aktarx li jokkorru bi frekwenza dejjem akbar fil-futur; għaldaqstant, il-ħtieġa li **tiġi żviluppata aktar il-kumulazzjoni ta' riżervi strateġika fil-livell tal-UE**. L-approċċ fil-livell tal-UE s'issa kien settorjali u limitat.

Pereżempju, il-UCPM iżomm riżervi strateġiċi fil-livell tal-UE taħt l-inizjattiva rescEU għall-użu rapidu f'każ ta' emerġenza, inklużi r-rispons għal diżastri u l-kontromiżuri mediċi. ReliefEU, il-Kapaċità ta' Rispons Umanitarju Ewropew, għandha riżervi ta' provvisti umanitarji madwar id-dinja. Fir-rigward tas-saħħa tal-annimali, il-Kummissjoni żżomm banek ta' antiġeni u ta' vaċċini ta' emerġenza għall-mard transfruntier. L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għandha bastimenti ta' riżerva għal risponsi għat-tixrid taż-żejt. Il-Bank Ċentrali Ewropew jimmaniġġa riżerva strateġika ta' karti tal-flus. Eżempji oħra ta' approċċ ta' kumulazzjoni ta' riżervi madwar l-UE fil-qasam tal-enerġija huma l-Pjan Direzzjonali REPowerEU, li jistabbilixxi eliminazzjoni gradwali koordinata u sikura tal-importazzjonijiet tal-gass, taż-żejt u tal-enerġija nukleari Russi kif ukoll il-kumulazzjoni ta' riżerva ta' komponenti ewlenin biex jiġi żgurat irkupru malajr minn blackouts fit-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-enerġija.

Fost dawn il-mekkaniżmi ta' kumulazzjoni ta' riżervi fil-livell tal-UE, **rescEU** hija waħda mill-akbar transsettorjali u l-aktar versatili. Hija tinsab fil-qalba tal-arranġamenti tal-UE għall-kumulazzjoni ta' riżervi ta' emerġenza, f'kuntast li fih l-arranġamenti tal-kumulazzjoni ta' riżervi fil-livell tal-UE jeżistu f'setturi limitati.

Aktar 'l quddiem, l-UE għandha **żżomm u żżid ir-riżervi strateġiċi tal-UE tagħha**, filwaqt li tibni fuq il-mudell ta' rescEU (ara l-Anness 2 għal aktar dettalji dwar il-konsolidazzjoni tar-riżerva eżistenti ta' rescEU u ta' perkorsi possibbli għall-futur). Il-Kummissjoni se tivvaluta l-adeqgatezza tal-espansjoni tar-riżervi strateġiċi għal tipi oħra ta' kapaċitajiet li għalihom jiġu identifikati d-distakki.

Din l-analiżi għandha tinġabar flimkien ma' **analiżijiet u identifikazzjonijiet ta' distakki oħra minn setturi li tradizzjonalment mhumiex marbuta mal-protezzjoni ċivili**, bħal dawk

li jidhru fl-Istrateġija Ewropea reċenti għar-Reżiljenza tal-Ilma u fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar is-Sigurtà tal-Kejbils. Pereżempju, il-moduli funzjonali għat-tiswija tal-kejbils jistgħu jkunu parti mill-istrateġija għall-kumulazzjoni tar-riżervi tal-UE biex jiġi żgurat irkupru fil-pront minn tfixkil fil-provvista tal-enerġija jew tal-kejbils fibrottiċi. Għal ċerti oġġetti, bħal art rari u kalamiti permanenti, il-kumulazzjoni ta' riżervi ta' emerġenza tista' sservi wkoll ta' lqugħ sakemm il-ktajjen ta' provvista mfixkila jadattaw għal realtà ġdida.

Se jitqiesu wkoll **kooperazzjoni msaħħa bejn is-settur pubbliku u dak privat** u soluzzjonijiet aktar innovattivi bħall-kumulazzjoni ta' riżervi virtwali u inventarji bbażati fuq il-bejjieġha. Pereżempju, fl-2026, il-Kummissjoni se tistabbilixxi **Ċentru tal-UE għall-Materja Prima Kritika** biex takkwista b'mod konġunt materja prima f'isem kumpaniji interessati u f'kooperazzjoni mal-Istati Membri. Il-monitoraġġ tal-katina ta' provvista u l-koordinazzjoni tal-ħażniet strateġiċi huma mmarkati bħala kompiti addizzjonali potenzjali ⁽¹⁷⁾.

Il-Kummissjoni se tkompli wkoll tiżgura li jiġu segwiti **prattiki effiċjenti ta' ġestjoni tal-kumulazzjoni ta' riżervi**, speċifikament adattati għat-tip u n-natura tar-riżerva. Prattiki effiċjenti ta' ġestjoni tal-kumulazzjoni ta' riżervi ma jittrattawx biss il-fatt li jkun hemm teknoloġija jew sistemi avvanzati fis-seħħ, iżda wkoll dwar il-fatt li jkun hemm professjonisti b'ħiliet biex ifasslu u jimmaniġġaw ir-riżervi, jiġifieri b'rispons għal diżastri naturali u emerġenzi. L-iffaċilitar tat-taħriġ u l-iżvilupp tal-forza tax-xogħol f'dan il-qasam huwa komponent ewlieni ta' titjib u effiċjenza kontinwi.

Il-ġestjoni effiċjenti tal-kumulazzjoni ta' riżervi tinkludi prattiki anki għar-rotazzjoni u r-riforniment ta' oġġetti, u l-użu ta' donazzjonijiet ta' oġġetti, li jkunu waslu qrib id-data ta' skadenza tagħhom. Dan jinvolvi wkoll il-valutazzjoni tal-possibbiltà li jiġu stabbiliti riżervi virtwali u jsiru arranġamenti ma' operaturi tas-settur privat għall-provvista ta' oġġetti speċifiċi, fi żminijiet ta' kriżi. Fuq dan il-punt, il-Kummissjoni se tħares ukoll lejn ir-ritorn ta' oġġetti li jistgħu jintużaw mill-ġdid wara l-ewwel użu, biex jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-assi ta' rescEU.

L-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija għandha tqis ukoll l-isfidi speċifiċi tal-kumulazzjoni ta' riżervi u fil-provvista ta' prodotti li jistgħu jinħażnu biss għal żmien qasir, bħal isotopi radjuattivi mediċi u l-materjali sors għall-produzzjoni tagħhom.

⁽¹⁷⁾ Il-Patt għal [Industrija Nadifa](#): pjan direzzjonali konġunt għall-kompetittività u d-dekarbonizzazzjoni, COM (2025)85 final. Kwalunkwe tali xiri konġunt se jsir f'konformità mar-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE.

Azzjonijiet ewlenin:

- Il-Kummissjoni se **ssaħħaħ ir-rescEU** bħala r-riżerva tal-kapaċitajiet ta' rispons fil-livell tal-UE. Din se tespandi biex tkopri aktar kapaċitajiet, wara konsultazzjoni mal-Istati Membri u fuq il-baġi ta' valutazzjoni tad-distakki, li tqis ukoll il-potenzjal għat-tnaqqis tal-vulnerabbiltà permezz tal-ottimizzazzjoni tal-użu tar-riżorsi u s-sostituzzjoni possibbli (ara l-Anness 2).
- Il-Kummissjoni se **tiżgura r-riforniment tal-ħażniet ta' rescEU wara l-użu**, filwaqt li ssegwi approċċ proattiv għall-iżvilupp tal-kapaċità ta' rescEU.
- Il-Kummissjoni se taħdem biex tikkonsolida l-għodod eżistenti biex **tiggrawda l-assistenza** in natura **tas-settur privat bħala parti minn rescEU**, kemm għall-preparatezza kif ukoll għar-rispons, bħala komplement għar-riżervi strateġiċi tal-UE.

4. TISĦIĦ TA' INFRASTRUTTURA ROBUSTA U INTEROPERABBLI TAT-TRASPORT U TAL-LOĠISTIKA

L-iżgurar tad-disponibbiltà ta' oġġetti essenzjali fi żminijiet ta' kriżi fis-setturi u bejn il-fruntieri jiddependi fuq infrastruttura robusta u interoperabbli tat-trasport, tal-loġistika u tal-kumulazzjoni ta' riżervi. Dan japplika matul iċ-ċiklu kollu tal-kumulazzjoni ta' riżervi, mill-ġestjoni tal-ktajjen ta' provvista sal-użu, u jinvolvi lill-partijiet kollha – l-Istati Membri, il-Kummissjoni, is-settur militari u dak privat. Disturbi fil-ktajjen tal-loġistika jistgħu jħallu impatt serju fuq ir-rispons għall-kriżijiet, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE.

L-UE għandha ttejjeb il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni biex toħloq **politiki u oqfsa regolatorji adattabbli għall-moviment transfruntier fi żminijiet ta' kriżi** u ta' tfixkil. Dan jinkludi s-simplifikazzjoni tal-proċeduri għaċ-ċaqliq u l-allokazzjoni ta' riżorsi bejn il-fruntieri u l-għoti ta' flessibbiltà mmirata fir-regolamenti dwar it-trasport⁽¹⁸⁾. Dan l-approċċ għandu jittqies fil-kuntest tal-ħidma li għaddejja bħalissa u dik li ġejja fuq il-mobbiltà militari, fejn l-iffaċilitar tat-trasport transfruntier bla xkiel madwar l-UE ta' tagħmir u persunal militari, b'mod partikolari fi żminijiet ta' kriżi u ta' tfixkil, huwa kruċjali għat-tisħiħ tal-preparatezza, tal-kapaċità ta' rispons u tal-pożizzjoni ta' deterrenza kredibbli tal-UE.

Barra minn hekk, l-UE għandha tiżgura li l-**infrastruttura tal-kumulazzjoni ta' riżervi** tagħha tkun reżiljenti, sikura u **aċċessibbli**. Il-**kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar il-ħtiġijiet u**, meta possibbli, il-**postijiet** għar-riżervi hija kruċjali għall-iżvilupp tan-network tat-trasport kif xieraq. Il-kumulazzjoni ta' riżervi tista' tgħin ukoll biex tiġi salvagwardjata **d-disponibbiltà**

⁽¹⁸⁾ Pereżempju, matul il-kriżi tal-COVID-19, l-inizjattiva ta' Korsiji Ħodor kellha l-għan li tiżgura li l-qsam tal-fruntieri, li jinkludi l-kontrolli u l-iskrinjar għall-ħaddiema tat-trasport, ma jiħux aktar minn 15-il minuta. B'rispons għall-imblokk mir-Russja tal-oġġetti lejn u mill-Ukrajna permezz tal-portijiet tal-Baħar l-Iswed tagħha, il-Kummissjoni introduċiet il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Korsiji ta' Solidarjetà, li jassisti lill-Ukrajna fl-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' oġġetti bl-użu ta' rotot loġistiċi alternattivi permezz ta' linji tal-ferroviji, toroq u passaġġi fuq l-ilma interni. Matul il-kriżijiet imsemmija hawn fuq, is-Sistema ta' Ġestjoni tar-Riskji Doganali (CRMS2, Customs Risk Management System) bl-iskambju ta' informazzjoni doganali relatata mar-riskju, ippermettiet valutazzjonijiet tar-riskju aktar malajr u aktar preċiżi bl-ingranaġġ tal-awtomatizzazzjoni, u bil-kondiviżjoni ta' intelligence. Dan ippermetta lill-awtoritajiet doganali jidentifikaw malajr vjeġġi b'riskju għoli filwaqt li jħaffu l-awtorizzazzjoni ta' merkanzija kritika.

tal-oġġetti meħtieġa biex jinżammu entitajiet kritiċi reżiljenti tat-trasport biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-operat u jinżammu funzjonijiet vitali tat-trasport u tal-loġistika.

Fl-aħħar nett, is-sistemi interoperabbli ċivili u militari tat-trasport u tal-loġistika huma essenzjali biex jiġi żgurat il-moviment rapidu tal-persunal, tat-tagħmir u tal-ħażniet madwar l-UE matul il-kriżijiet u l-kunflitti. L-investment fl-infrastruttura u fl-assi kritiċi tat-trasport għandu jingrana l-**potenzjal tagħhom ta' użu doppju**. L-ippjanar ta' postijiet tal-kumulazzjoni ta' riżervi ċivili għandu jkun ikkoordinat aħjar mal-ħidma li għaddejja bħalissa fil-livell tal-UE fuq il-**mobbiltà militari** u b'mod partikolari l-pakkett ta' mobbiltà militari li jmiss. Kwalunkwe valutazzjoni tar-riskju tal-kumulazzjoni ta' riżervi għandha **tidentifika u tevita konġestjonijiet f'rotot u f'nodi strateġiċi tat-trasport**.

Azzjonijiet ewlenin:

- Il-Kummissjoni se tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn in-**Network ta' Punti ta' Kuntatt Nazzjonali għat-Trasport** għal koordinazzjoni mtejba fis-settur tat-trasport u n-**network tal-UE għall-kumulazzjoni ta' riżervi**.
- Filwaqt li tibni fuq il-proċessi eżistenti, il-Kummissjoni, flimkien ma' aġenziji rilevanti u partijiet ikkonċernati oħra, se taħdem biex tippromwovi t-**tħejjija għall-kriżijiet** f'konformità mal-Pjan ta' Kontinġenza tal-UE għat-Trasport ⁽¹⁹⁾.
- Filwaqt li tqis debitament it-tħassib rilevanti dwar is-sigurtà, il-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), flimkien mal-Istati Membri, se jagħmlu hilitom biex jallinjaw aħjar il-**postijiet tal-kumulazzjoni ta' riżervi mal-mobbiltà militari tal-UE**. Huma se jippromwovu wkoll l-investment fl-infrastruttura u fl-assi tat-trasport b'potenzjal ta' użu doppju.

5. TITJIB TAL-KOOPERAZZJONI ĊIVILI-MILITARI

F'bosta xenarji ta' kriżi, bħal eventi ta' temp estrem, l-awtoritajiet ċivili jeħtieġu appoġġ militari. Min-naħa l-oħra, approċċ li jkopri l-perikli kollha għall-preparatezza materjali tal-UE li jinvolvi t-tħejjija għall-kriżijiet u l-kunflitti fuq skala kbira, meta il-kooperazzjoni ċivili-militari hija indispensabbli. Il-ġlieda u l-ġestjoni effettivi tal-konsegwenzi tal-forom kollha ta' attacchi, inklużi t-theddid ibridu u l-aggressjoni armata, jiddependu b'mod sinifikanti fuq il-kapaċitajiet u r-riżorsi ċivili. Biex jiżviluppa u jżomm il-prontezza materjali, il-kapaċità loġistika u r-reżiljenza tiegħu, il-militar jiddependi fuq il-funzjonament ta' sistemi usa' tas-soċjetà.

Pereżempju, l-Istrateġija għall-Kontromiżuri Mediċi tenfasizza li l-kontromiżuri mediċi meħtieġa għall-użu ċivili fl-isptarijiet jew għall-użu militari tal-ewwel linji spiss ikunu l-istess. **It-tisħiħ tal-kooperazzjoni ċivili-militari dwar il-kontromiżuri mediċi** jsaħħaħ il-prontezza militari u tas-soċjetà għall-emerġenzi u jagħti spinta lill-kapaċità tal-produzzjoni u tal-użu.

Il-proposta attwali tal-Kummissjoni għall-Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea (EDIP, European Defence Industry Programme) fiha proposti maġġuri dwar attivitajiet ta' kumulazzjoni ta' riżervi militari, kif ukoll elementi ġodda rilevanti għall-**kooperazzjoni ċivili-militari fil-preparatezza materjali**. Hija tenfasizza l-ħtieġa għal reġim tal-UE għas-sigurtà

⁽¹⁹⁾ Pjan ta' kontinġenza għat-trasport (COM (2022) 211 final).

tal-provvista għall-industrija tad-difiża, li għandu jippermetti lill-UE u lill-Istati Membri jantiċipaw u jindirizzaw il-konsegwenzi ta' kriżijiet fil-provvista permezz ta' diversi azzjonijiet, bħall-**adattament ta' prodotti ċivili u l-ħolqien ta' riżervi strateġiċi**. Ladarba jkun fis-seħħ, l-EDIP jipprovdi qafas għal aktar tisħiħ tal-kooperazzjoni dwar il-kumulazzjoni ta' riżervi militari, pereżempju permezz ta' appoġġ finanzjarju għall-attivitajiet tal-kumulazzjoni ta' riżervi relatati mad-difiża tal-Istati Membri. Hemm potenzjal ċar biex jiżdedu **l-interoperabbiltà, l-interkambjabbiltà u l-komplementarjetà tal-assi ċivili u tad-difiża, tal-oġġetti b'użu doppju u/jew tar-riżervi kondiviżi**, meta rilevanti għaż-żewġ setturi, inkluż għall-infrastruttura b'użu doppju għall-komunikazzjonijiet, in-navigazzjoni u l-osservazzjoni bbażati fl-ispazju.

Fl-istess ħin, hemm lok għal **kooperazzjoni u koordinazzjoni mtejba bejn il-partijiet ikkonċernati ċivili u militari fil-preparatezza materjali**, inkluż sħab tal-istess fehma, speċjalment in-NATO. L-oqsma rilevanti għal kooperazzjoni u koordinazzjoni miżjuda jistgħu jinkludu **s-sigurtà tal-provvisti u tal-istokkijiet, is-sigurtà tal-enerġija u tal-ilma, il-kontromiżuri mediċi u l-ġestjoni strateġika tar-riżorsi**.

Azzjonijiet ewlenin:

- Flimkien mas-SEAE, il-Kummissjoni se tiffaċilita **diskussjonijiet fin-network tal-UE għall-kumulazzjoni ta' riżervi biex jiġu skambjati l-aħjar prattiki dwar il-kooperazzjoni ċivili-militari**, b'mod partikolari biex jiġi esplorat kif ir-riżervi ċivili jistgħu jqisu r-rekwiżiti u l-ħtiġijiet militari.
- Flimkien mas-SEAE, il-Kummissjoni se **tespandi l-kooperazzjoni eżistenti tal-persunal man-NATO**, b'mod partikolari permezz tad-Djalogu Strutturat dwar ir-Reżiljenza, biex tindirizza l-preparatezza materjali u l-kumulazzjoni ta' riżervi.

6. TRAWWIM TA' KOOPERAZZJONI PUBBLIKA-PRIVATA

Kuljum, in-negozji jakkwistaw, jipproduċu, jaħżnu u jiddistribwixxu oġġetti essenzjali u jimmaniġġaw infrastruttura kritika. Madankollu, huma dejjem aktar esposti għal riskji u theddid li jista' jkollhom impatt fuq il-ktajjen ta' provvista u l-operazzjonijiet normali tagħhom. F'sitwazzjonijiet ta' kriżi, dan it-tfixkil jista' jikkostitwixxi riskji serji għas-soċjetà. Barra minn hekk, is-settur privat għandu għarfien espert sinifikanti rilevanti għall-preparatezza materjali, kif rikonoxxut fl-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà Ekonomika. L-involvement tan-negozji fil-fażijiet kollha tal-kumulazzjoni ta' riżervi - l-antiċipazzjoni, il-ġestjoni tal-ktajjen ta' provvista, il-kapaċitajiet tal-produzzjoni, ix-xiri, il-ġestjoni tar-riżervi u l-użu – huwa kruċjali biex tingħata spinta lill-effiċjenza. Fil-livell tal-UE, diġà jeżistu oqfsa differenti li jiffaċilitaw il-kooperazzjoni pubblika-privata f'dan ir-rigward ⁽²⁰⁾, **iżda approċċ transettorjali aktar**

⁽²⁰⁾ Il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Thejġija u Rispons għall-Kriżijiet tas-Sigurtà tal-Ikel (EFSCM, European Food Security Crisis preparedness and response Mechanism), id-Direttivi dwar l-NIS2 u dwar ir-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi (CER, Critical Entities Resilience) (Nri 2022/2555 u 2022/2557 rispettivament), l-UCPM, l-Att dwar il-Materja Prima Kritika, id-Direttiva dwar l-Ilma Urban Mormi, l-Att dwar il-Mediċini Kritiċi, l-Istrateġija Ewropea għar-Reżiljenza tal-Ilma u l-Istrateġija għall-Kontromiżuri Mediċi. F'xi oqfsa, talbiet obbligatorji għall-informazzjoni jistgħu jiġu diretti lejn operatori privati f'emerġenza (eż. l-Att dwar iċ-Ċipep, l-EDIP, l-IMERA, ir-Regolament dwar Qafas għall-Emerġenzi għall-Kontromiżuri Mediċi).

komprensiv u madwar l-UE jgħin biex jikkoordina u jikkumplementa dawn l-inizjattivi eżistenti.

It-Task Force għall-Preparatezza pubblika-privata li għandha tiġi stabbilita skont l-Istrateġija għal Unjoni tal-Preparatezza se tilħaq b'mod effettiv lir-rappreżentanti tan-negozji rilevanti biex tibni forma aktar aġli ta' preparatezza li tista' tindirizza jew tantiċipa l-konġestjonijiet jew ir-riskji tal-katina ta' provvista u tappoġġa l-kumulazzjoni ta' riżervi u l-produzzjoni ta' emerġenza, meta meħtieġ. It-Task Force għall-Preparatezza pubblika-privata għandha tagħti input rilevanti fin-network tal-UE għall-kumulazzjoni ta' riżervi.

Il-kooperazzjoni fit-Task Force għall-Preparatezza pubblika-privata tista' tiffaċilita **l-immappjar ta' kumpaniji Ewropej ewlenin involuti fil-preparatezza materjali**, abbażi ta' kriterji ċari. Il-kooperazzjoni għandha tippromwovi wkoll l-iskambju tal-aħjar prattiki biex tappoġġa **l-isforzi tal-Istati Membri u tal-kumpaniji biex isiru aktar reżiljenti** għal xokkijiet interni u esterni għall-arranġamenti ta' kumulazzjoni ta' riżervi, f'konformità mar-regoli u l-prinċipji tal-kompetizzjoni u tas-suq uniku kif ukoll ma' rekwiżiti minimi futuri potenzjali tal-preparatezza kif previst fl-Istrateġija għal Unjoni tal-Preparatezza.

Barra minn hekk, l-UE għandha tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-UE, l-Istati Membri u l-industrija **fl-iżvilupp ta' għodod għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni** dwar il-ktajjen kritiċi ta' provvista u l-kumulazzjoni ta' riżervi, filwaqt li tibni fuq oqfsa settorjali eżistenti, u f'konformità sħiħa mad-dritt tal-kompetizzjoni tal-UE.

Barra minn hekk, huwa meħtieġ mudell tal-UE għal djalogu proattiv bejn is-setturi pubbliċi u privati biex **tiġi żgurata l-kontinwità tal-operat matul kriżijiet**. L-iżvilupp ta' proċeduri għall-provvista ta' oġġetti essenzjali f'emerġenzi, għal operazzjonijiet konġunti tal-kumulazzjoni ta' riżervi u sħubijiet f'każ ta' kriżi ma' kumpaniji loġistiċi jista' jkun ta' benefiċċju. L-għarfien espert tas-settur privat għandu jintuża fil-promozzjoni **tal-iżvilupp ta' ġestjoni innovattiva ta' riżervi**, inklużi riżervi virtwali.

L-Istati Membri implimentaw **mudelli ta' suċċess biex jinċentivaw il-kooperazzjoni mas-settur privat** fil-kumulazzjoni ta' riżervi strateġiċi biex **jikkumpensaw għall-kostijiet addizzjonali involuti fil-kumulazzjoni ta' riżervi**, pereżempju inċentivi tat-taxxa u skemi ta' garanzija. Dawn il-mudelli għandhom jiġu esplorati aktar mas-settur privat u jiġu kondiviżi bejn l-Istati Membri.

Azzjonijiet ewlenin:

- **In-network tal-UE għall-kumulazzjoni ta' riżervi se jimmappja u jidentifika l-aħjar prattiki, soluzzjonijiet u inċentivi ġodda** biex jagħmilha attraenti biex il-kumpaniji jikkontribwixxu għal reżiljenza akbar u għall-provvista ta' oġġetti essenzjali. Huwa se jorbot dan ma' riflessjonijiet dwar l-awtonomija strateġika.
- **Linja ta' ħidma dedikata fit-Task Force għall-Preparatezza pubblika-privata** prevista skont l-Istrateġija għal Unjoni tal-Preparatezza se tiddiskuti kriterji li għandhom jintużaw fl-immappjar ta' kumpaniji Ewropej ewlenin involuti fil-produzzjoni ta' oġġetti essenzjali u fl-iffaċilitar tal-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki fl-iżgurar ta' prodotti essenzjali fi kriżijiet, li jkopru s-sigurtà tal-katina ta' provvista, l-effiċjenza u ċ-ċirkolarità tar-riżorsi, l-interoperabbiltà, mudelli innovattivi ta'

kumulazzjoni ta' riżervi, il-ġestjoni tal-kumulazzjoni ta' riżervi, l-iżgurar tar-rotazzjonijiet tal-istokkijiet u l-użu tar-riżervi.

7. TRAWWIM TAL-KOOPERAZZJONI F'AZZJONI ESTERNA U FI SHUBIJET INTERNAZZJONALI

Fid-dinja interkonnessa tal-lum, l-iżgurar tal-aċċess għal oġġetti essenzjali matul il-kriżijiet jiddependi fuq ktajjen ta' provvista globali. Is-sigurtà u r-reżiljenza tal-UE u tal-viċinat tagħha huma interkonnessi mill-qrib u jikkostitwixxu fattur ta' stabbiltà. Bit-trawwim ta' sħubijiet internazzjonali, l-iskambju ta' prattiki tajbin u l-użu tal-għodod ta' politika esterna tagħha, l-UE tista' ttejjeb il-preparatezza materjali tagħha.

L-UE għandha ssaħħaħ aktar **il-kooperazzjoni fil-preparatezza materjali ma' pajjiżi ġirien**, filwaqt li tibni fuq il-kooperazzjoni eżistenti, bħal mal-Istati Parteċipanti tal-UCPM ⁽²¹⁾, jew mal-pajjiżi sħab fis-Sistema komunitarja ta' skambju ta' informazzjoni radjoloġika urġenti (ECURIE) għal emerġenzi radjoloġiċi ⁽²²⁾. Il-Patt Ġdid li jmiss għall-Mediterran se joffri aktar opportunitajiet ma' pajjiżi fil-baċir tal-Mediterran u tal-Lvant Nofsani, u l-Istrateġija tal-UE għar-reġjun tal-Baħar l-Iswed ⁽²³⁾ li tnediet dan l-aħħar se żżid il-preparatezza tal-Ewropa billi ttejjeb it-trasport, l-enerġija u l-konnessjonijiet diġitali. Il-finanzjament minn strumenti bħall-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI - Global Europe, Neighbourhood, Development and International Cooperation Instrument) jew l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni III huma essenzjali għall-ħolqien ta' reżiljenza reċiproka. Barra minn hekk, l-UE għandha tiset b'mod speċifiku tagħlimiet mill-esperjenza tal-Ukrajna fl-iżgurar tal-provvista ta' oġġetti essenzjali matul kunflitt armat. Barra minn hekk, l-UE għandha tinkludi lill-Ukrajna b'mod aktar sistematiku fl-isforzi tagħha ta' kumulazzjoni ta' riżervi, inkluż fil-ktajjen ta' provvista Ewropej, minħabba l-esperjenzi tal-Ukrajna

Biex jitnaqqsu l-vulnerabbiltajiet tal-katina ta' provvista u tissaħħaħ l-awtonomija strateġika tagħha, l-UE għandha ssaħħaħ il-ftehimiet u l-alleanzi bilaterali internazzjonali strateġiċi eżistenti, u, meta xieraq, tiżviluppa aktar jew toħloq **sħubijiet** imfassla apposta u ta' benefiċċju reċiproku **ma' pajjiżi mhux tal-UE** f'setturi bħall-enerġija, is-saħħa, l-ilma, id-difiża u l-materja prima, filwaqt li tikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli. Is-sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku skont **l-Istrateġija Global Gateway** għandhom jiġu ingranati meta rilevanti. Barra minn hekk, għandu jsir użu minn għodod bħal Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles, Sħubijiet għal Kummerċ u Investimenti Nodfa, Sħubijiet strateġiċi dwar il-materja prima, jew fil-futur, sħubijiet strateġiċi dwar mediċini kritiċi u Sħubijiet Diġitali.

⁽²¹⁾ L-Albanija, il-Bożnija-Herzegovina, l-Iżlanda, il-Moldova, il-Montenegro, il-Maċedonja ta' Fuq, in-Norveġja, is-Serbja, it-Turkija u l-Ukrajna.

⁽²²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 1987 dwar arranġamenti tal-Komunità għal skambju minn kmieni ta' taġhrif fil-każ ta' emerġenza radjoloġika u r-Rakkomandazzjoni 2000/473/ Euratom. L-Istati Membri kollha tal-UE huma parti kif ukoll il-Montenegro, il-Maċedonja ta' fuq, in-Norveġja, is-Serbja u l-Iżvizzera.

⁽²³⁾ JOIN(2025) 135 final – L-approċċ strateġiku tal-Unjoni Ewropea għar-reġjun tal-Baħar l-Iswed.

L-UE għandha żżid aktar il-kooperazzjoni ma' **organizzazzjonijiet internazzjonali u f'fora multilaterali**. Pereżempju, il-parteċipazzjoni tal-UE fl-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija (AIE), b'mod partikolari fil-Programm għas-Sigurtà tal-Minerali Kritiċi, u s-sħubija tal-UE mal-Organizzazzjoni tal-Ġappun għall-Metalli u s-Sigurtà tal-Enerġija (JOGPEC, Japan Organisation for Metals and Energy Security) għat-traċċar ta' materja prima kritika huma notevoli, kif huwa l-involviment f'Gavi, l-Alleanza għall-Vaċċini fis-settur tas-saħħa, għall-kumulazzjoni ta' riżervi ta' vaċċini fid-dinja.

L-UE għandha tuża wkoll **politiki ekonomiċi u ta' kooperazzjoni esterni biex tappoġġa l-infrastruttura rilevanti diġitali, tat-trasport u tal-loġistika**. L-aċċess miftuħ u sikur għall-beni komuni globali u għad-dominji strateġiċi, bħal rotot tal-provvista marittima u kejbils sottomarini, huwa vitali wkoll għas-sigurtà tal-provvista. Il-kejbil sottomarin MEDUSA, appoġġat mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Bank Ewropew tal-Investiment Globali, se jipprovi konnettività b'veloċità għolja bejn ix-xtut tat-Tramuntana u dawk tan-Nofsinhar tal-Mediterran u se jiġi estiż sal-Afrika tal-Punent. Barra minn hekk, ir-Rotta tat-Trasport Internazzjonali Trans-Kaspju u t-12-il Rotta ta' Prijorità ta' Global Gateway fl-Afrika huma eżempji ewlenin tal-fokus tal-UE fuq l-istabbiliment ta' rotot alternattivi u sostenibbli tat-trasport. Il-Kuritur Ekonomiku propost bejn l-Indja, il-Lvant Nofsani u l-Ewropa (IMEC, India-Middle East-Europe Economic Corridor) se jkollu l-potenzjal li jsaħħaħ il-konnettività madwar il-kontinenti.

Fl-iżvilupp tal-istrateġiji tagħha għall-kumulazzjoni ta' riżervi, l-UE għandha tiżgura li tali miżuri ma jimminawx is-sigurtà globali tal-ikel. F'dan il-kuntest, l-UE se tkompli bl-involviment tagħha f'oqfsa ta' kooperazzjoni internazzjonali bħall-inizjattiva tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar is-Swieq Agrikoli (AMIS, Agricultural Market Information System) tal-G20 li tippromwovi t-trasparenza u l-koordinazzjoni fis-swieq agroalimentari globali.

Fl-aħħar nett, l-UE għandha żżid is-sinerġiji bejn l-isforzi interni u esterni tal-UE għall-kumulazzjoni ta' riżervi, **l-għajnuna umanitarja u s-sħubijiet internazzjonali**. Ir-riflessjonijiet attwali dwar il-ktajjen ta' provvista strateġiċi jistgħu jwasslu għal kisbiet sinifikanti fl-effiċjenza bil-ħsieb tad-distakki drammatiċi attwali fil-finanzjament fis-settur umanitarju u jistgħu jservu bħala eżempju għal titjib fl-effiċjenza fl-UE. **ReliefEU** tnaqqas id-distakk bejn il-ħtiġijiet urġenti f'żoni milquta minn kriżi u r-riżorsi disponibbli mis-sħab Ewropej. Hija tikkontribwixxi għal sistema flessibbli u reattiva li tadatta kemm għal diżastri immedjati kif ukoll għall-isfidi umanitarji li jkun għaddejnin, filwaqt li tiżgura li r-riżorsi jitwasslu b'mod effettiv u effiċjenti fejn ikunu l-aktar meħtieġa.

Azzjonijiet ewlenin:

- L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tal-UE għandhom **isaħħu l-kollaborazzjoni ma' pajjiżi tal-viċinat, ma' pajjiżi tal-istess fehma u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali** dwar it-tħejjija għall-kriżi, bħal fil-qasam tal-emerġenzi tas-saħħa.
- Il-Kummissjoni se taħdem mal-Istati Membri lejn koordinazzjoni aktar mill-qrib fuq **riżervi, filwaqt li tesplora l-opzjonijiet għal akkwist konġunt u ħżin kondiviż** madwar id-dinja, f'kooperazzjoni u f'koordinazzjoni mal-awtoritajiet Reġjonali dwar ir-Rispons fil-każ ta' Diżastru biex tiffaċilita d-dispaċċ malajr u ottimali ta' oġġetti tal-għajnuna umanitarja.
- Il-Kummissjoni se ttejjeb **is-sinerġiji bejn l-isforzi interni u esterni tal-UE għall-kumulazzjoni ta' riżervi**.

8. KONKLUŻJONI U PASSI LI JMISS

It-tisħiħ tal-preparatezza materjali u tar-riżervi strateġiċi tal-UE huwa komponent kruċjali biex tissaħħaħ il-preparatezza fis-soċjetajiet Ewropej taħt riskji u theddid ta' kriżi li qed jiżdedu. L-Istrateġija għall-Kumulazzjoni tar-Riżervi tal-UE tipprovdi pass inizjali lejn approċċ komprensiv u koordinat, filwaqt li tappoġġa lill-Istati Membri b'azzjonijiet konġunti fil-livell tal-UE meta meħtieġ.

Il-preparatezza materjali tirrikjedi l-investimenti. Dawn il-kostijiet huma meġhluha minn gwadanji fir-reżiljenza, tnaqqis fit-tfixkil, nefqa aktar baxxa għall-irkupru, żieda fil-kompetittività fit-tul u kostijiet li x'aktarx ikunu aktar baxxi f'termini ta' ħajjiet u ta' għajxien. Il-prinċipju tal-preparatezza u tas-sigurtà sa mit-tfassil, azzjoni ewlenija tal-Istrateġija għal Unjoni tal-Preparatezza, se jkollu rwol sinifikanti fl-iżgurar ta' appoġġ finanzjarju sostenibbli u fit-tul għal preparatezza materjali u żamma tar-riżervi strateġiċi mtejba. Il-Kummissjoni se tqis l-importanza tal-preparatezza materjali u taż-żamma tar-riżervi strateġiċi tal-UE fil-posti għall-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss.

Fil-futur, il-Kummissjoni se tinvolvi ruħha mal-Istati Membri, mas-SEAE, mal-Parlament Ewropew u mal-partijiet ikkonċernati biex tiddiskuti u timplimenta l-azzjonijiet inizjali stabbiliti f'din l-istrateġija. Il-flussi ta' ħidma tan-network għall-kumulazzjoni tar-riżervi tal-UE u t-Task Force għall-Preparatezza se jagħmluha possibbli li tiġi approfondita l-analiżi tad-distakki u tal-ħtiġijiet, li tiġi gwidata l-implimentazzjoni tal-miżuri u li jiġu identifikati aktar ħtiġijiet għal azzjoni. B'mod parallel, l-Istrateġija għall-Kumulazzjoni tar-Riżervi tal-UE se tikkomplementa l-inizjattivi ta' preparatezza settorjali. Fl-2026, il-Kummissjoni se tieħu rendikont tal-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija.

It-tagħlim kontinwu, il-kondiviżjoni ta' prattiki tajbin u l-innovazzjoni se jixprunaw politika robusta u mifruxa mal-UE kollha dwar il-preparatezza materjali u l-kumulazzjoni ta' riżervi.

Billi ssaħħaħ il-preparatezza materjali tagħha, l-UE tista' tiżgura d-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà ta' oġġetti essenzjali, biex b'hekk tissalvagwardja l-funzjonament mingħajr interruzzjoni tal-ktajjen ta' provvista u l-funzjonijiet vitali tas-soċjetà u ttejjeb il-benesseri u s-sigurtà taċ-ċittadini Ewropej.